**Int Katarina**

Qed narak titlob b'tant ħrara
B'dak dmugħek ħelu f'għajnejk,
Qed ninnutalek kuruna
Li qed issebbaħ dawk idejk.

Qed nisimgħek tibki, tolfoq
F'idejk għandek ukoll ritratt,
Ta' dak li miegħu qed timxi
Avolja għal ħafna sar m'hu ħadd.

Qed naralek xufftejk ħiemda
Minnhom xorta ħiereġ il-kliem
Qed inħoss li hemm madwarek
Int midfuna f'ġenna ta' sliem.

Imbagħad qomt mill-orazzjoni
Ħtaft mill-ġdid il-*mobile* l'hemm ħdejk,
Fittixt in-numru sibtu
Mill-ewwel fuqu int missejt.

Ftehmt miegħu biex flimkien tmorru
Tieħdu kafe w tgħidu kelma,
Għax il-ħajja hekk urietek
B'rebħa għoddha dik it-telfa.

Imbagħad iltqajtu u dħaktu
Rajtu l-ħajja minn xorta oħra,
Intbaħtu li bħat-tfal għadkom
Tridu l-ħelsien minn kull sokra.

Bejn belgħa u oħra ntbaħtu
Kemm tassew tixbħu lil xulxin,
It-tnejn l'intkom qalbkom żgħira
Bix-xejn tifirħu għax ħelwin.

Għalhekk il-Mulej għażilkom
Biex timxu maqgħudin flimkien,
Avolja b'toroq diversi
Imma t-tnejn jieħdu għall-imkien.

Li hu Ġerusalemm Ħienja
s-Sema, x'destinazzjoni,
qed iweżinkom l-Imgħallem
Biex tieħu ħsieb b'attenzjoni:

Din l-għaqda sabiħa li takom
Int tgħinu w hu jissapportjak,

Tibżax, imħabba biss għandu
Għalik oħt li taġevolak.

Bid-daħk u ċ-ċajt sabiħ tagħkom
Issibu ħin ukoll għat-talb,
Id-dmugħ nieżel minn għajnejkom
Din tissejjaħ mħabba tal-qalb.

L-istess mħabba tas-santi
Imfissra fis-sagramenti,
Imnaqqxa fil-Kelma t'Alla
Imbierka b'tant argumenti.

Li l-qalb biss taf u trid tagħmel
Għax hi waħedha trid il-ġid,
Tibżax, ibqa' miexja miegħu
Miegħu int l'Alla għad issib.

U veru l-għaliex f'qiegħ qalbek
X'paċi kbira waħdek qed tħoss,
Int għalih tarka ta' veru
Qed tħarsu milli jaqa' f'foss.

U l-laqgħa ntemmet b'barka
Bid-dilka taż-żejt imbierek,
Għajnejk idemmgħu, ferħana
Ruħek ma' Kristu tixxierek.

Issuktat l-istorja ħelwa
Għaddiet minn ħafna fażijiet,
U bħal xitla baqgħet tikber
Tat fuq li tat bosta barkiet.

It-tnejn kibru fiż-żmien xjaħu
Baqgħu jsibu kotra ta' kenn,
F'xulxin għaliex bdew jintebħu
Li fil-ħajja trid tifhem w tħenn.

Hu kien miet għax ikbar minnha
Mis-sema talab għaliha,
Wara ħdejh marret għall-premju
Li b'kotra kien jistħoqqilha.

Ħadet ħsiebu, tagħtu kelma
Ħalli jgħix is-sejħa tiegħu,
Fit-tlajja u l-inżul ħajtu
Baqgħet iwa timxi miegħu.

Mhux importanti fil-ħajja
X'sejħa jkollok, m'għandux x'jaqsam

L-importanti tkun imdawwar
Minn lest li miegħek jrid jaqsam.

Imħabbet Kristu qaddisa
Imħejjija biex tieħu ħsieb,
Lil min tħobb għax ġid biss tridlu
Tħarsu minn qalbha mill-inkwiet.

Għaqdet iż-żewġ sagramenti
Li t-tnejn jibnu l-komunità,
L-ordni sagri w ż-żwieġ imqaddes
Li jwasslulna l-karità.

Li mexxiet lil Katarina
Maħbuba xbejba tal-Mulej,
Kemm farrġet, saqet lill-Papa
Ħa jmur Ruma tard bil-lejl.

Ħdejh marret f'Avignon tkellmu
Sakemm qagħad għal dak li qaltu,
Kien biss meta sema' minnha
Li nqala' mill-eqqel skandlu.

Tibżax ja mara għaqlija
Ibqa' kun barka għalina,
Ibqa' wieżnu lil dak Kristu
Tinsiex, int bħal Katarina.

Patri Mario Attard OFM Cap
29 t'April 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.